**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/0017(COD)**

8.11.2024

# ABBOZZ TA’ OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskrinjar ta’ investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2024)0023 – C9-0011/2024 – 2024/0017(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Markus Ferber

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur iqis li l-proposta tal-Kummissjoni li għandha l-għan li ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' skrinjar tal-Unjoni għall-investimenti barranin hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni tista' tittejjeb aktar fi tliet oqsma ewlenin:

Kjarifika tal-Kamp ta' Applikazzjoni fir-rigward tas-Servizzi Finanzjarji:

Ir-rapporteur japprezza l-fatt li s-servizzi finanzjarji diġà huma inklużi fil-punt 5 tal-Anness II tar-Regolament. Sabiex il-lista tkun aktar komprensiva, ir-rapporteur iqis li ta' min jiġu inklużi wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sistemi ta' pagament sistemikament importanti u kumpaniji kbar ħafna tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Barra minn hekk, l-akkwiżizzjonijiet permezz ta' għodod ta' riżoluzzjoni fl-ambitu tal-oqfsa ta' riżoluzzjoni rispettivi (għall-banek, is-CCPs jew l-impriżi tal-assigurazzjoni/tar-riassigurazzjoni) għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. F'każijiet ta' riżoluzzjoni, il-ħin huwa essenzjali u spiss id-deċiżjonijiet jittieħdu litteralment mil-lejl għan-nhar. Il-proċeduri ta' skrinjar fil-fond previsti f'dan ir-Regolament ma jikkorrispondux għall-ħtieġa ta' rispons fil-ħin. Sabiex jiġu evitati riskji għall-istabbiltà finanzjarja, it-tranżazzjonijiet ta' riżoluzzjoni għandhom, għalhekk, jiġu esklużi.

Tisħiħ tal-Prospettiva Ewropea:

Waħda mill-ideat ta' gwida tal-proposta tal-Kummissjoni hija li tingħata prospettiva aktar Ewropea dwar l-investimenti barranin fl-Istati Membri individwali. Għal dak l-għan, ir-rapporteur iqis li ta' min tiġi inkluża wkoll il-possibbiltà għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u għall-Bank Ċentrali Ewropew (inkluż il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku) li jipprovdu opinjoni fejn is-servizzi finanzjarji huma kkonċernati.

Preservazzjoni tal-Prerogattivi tal-Koleġiżlatur:

Iż-żewġ Annessi huma fil-qalba ta' dan ir-Regolament peress li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-investimenti barranin. Sabiex tiġi żgurata l-leġittimità demokratika ta' kwalunkwe deċiżjoni biex jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni, tali deċiżjoni għandha tittieħed mill-koleġiżlatur permezz ta' emenda tar-Regolament u mhux permezz ta' att delegat. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi li titħassar is-setgħa tal-Kummissjoni fl-Artikolu 19 u tiġi sostitwita bi klawżola ta' rieżami aktar komprensiva.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jippreżenta lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku probabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra ***u*** lill-Kummissjoni. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista' jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti. | (21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku probabbli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra***,*** lill-Kummissjoni ***u, meta rilevanti, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u lill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku***. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista' jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti. |

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tevalwa*** l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5 snin*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta | (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tirrieżamina*** l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***24 xahar*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***24 xahar*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Ir-rapport jenħtieġ li jiffoka wkoll fuq l-adegwatezza tal-lista ta' proġetti u programmi u tal-lista ta' teknoloġiji fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.*** Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir- |

leġislattiva.

Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, ***is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE*** jenħtieġ li ***tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi*** għall-Annessi ***għal dan ir-Regolament***. ***Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol*** | (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, ***l-Annessi ta' dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jiġu rieżaminati kull sentejn. Jekk emendi*** għall-Annessi ***jkunu meħtieġa, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tintroduċi proposta leġiżlattiva f'dak ir-rigward***. |

***tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***

***[16] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(49a) Is-settur tas-servizzi finanzjarji huwa importanti għall-istabbiltà u t-tkabbir tal-ekonomija tal-UE, billi jservi bħala s-sinsla għall-allokazzjoni tal-kapital, il-ġestjoni tar-riskji, u s-sistemi ta' pagament. L-iżgurar tal-integrità u tar-reżiljenza tiegħu huwa kruċjali, peress li t-tfixkil jista' jkollu riperkussjonijiet estensivi kemm għas-sigurtà tal-UE kif ukoll għall-ekonomija tal-UE. Għalhekk huwa ġustifikat li l-impriżi mis-settur finanzjarju li għandhom impatt sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jkunu soġġetti għal proċeduri ta' skrinjar tal-investimenti barranin. Sabiex jiġu vvalutati b'mod eżatt it-theddidiet potenzjali għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jenħtieġ li jingħataw rwol formali fil-proċess ta' skrinjar tal-investimenti barranin, meta s-*** |

| | |
|---|---|
| | ***settur tas-servizzi finanzjarji jkun affettwat.*** |

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar investimenti barranin, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, u jidentifikaw tħassib potenzjali li għandu jiġi indirizzat mill-Istat Membru li qed jiskrinja l-investiment barrani. | 2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni***, assistiti minn, meta applikabbli, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji speċjalizzati oħra tal-Unjoni,*** jiskambjaw informazzjoni dwar investimenti barranin, jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, u jidentifikaw tħassib potenzjali li għandu jiġi indirizzat mill-Istat Membru li qed jiskrinja l-investiment barrani. |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-investiment isir permezz tal-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010[1b], (UE) Nru 648/2012[1c], u (UE) Nru 806/2014[1d] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1e].*** |
| | ***[1a] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju*** |

***2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj ).***

***[1b] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj ).***

***[1c] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj).***

***[1d] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj).***

***[1e] Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE)***

| | |
|---|---|
| | ***Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/23/oj).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The current proposal does not explicitly exclude acquisitions through resolution tools under the respective resolution frameworks (for banks, CCPs or (re-)insurance undertakings), which might be considered foreign investments under the foreign investment screening Regulation, from its scope. Foreign investment screening processes are designed for ordinary market transactions that take months of preparation and allow for sufficient scrutiny time. By contrast, resolution proceedings need to be concluded within days and are executed by an administrative act, not by mutually agreed transactions.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tikkonċerna entità elenkata fil-punti (a), (d), (e), (f) jew (h) tal-punt 5 tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti n-notifika lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA);*** |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tikkonċerna entità elenkata fil-punti (b), (c) jew (f) tal-punt 5 tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha*** |

| | |
|---|---|
| | ***tittrażmetti n-notifika lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA);*** |

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tikkonċerna entità elenkata fil-punt (j) tal-punt 5 tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti n-notifika lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA);*** |

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tikkonċerna entità elenkata fil-punt (g) tal-punt 5 tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti n-notifika lill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku;*** |

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3e. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tikkonċerna entità elenkata*** |

***fil-punt (i) tal-punt 5 tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti n-notifika lill-Bank Ċentrali Ewropew;***

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kummenti mill-Istati Membri u opinjonijiet mill-Kummissjoni dwar investimenti barranin notifikati | Kummenti mill-Istati Membri u opinjonijiet mill-Kummissjoni***, mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku*** dwar investimenti barranin notifikati |

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta notifika li tasal għand il-Kummissjoni tkun ġiet trażmessa bi qbil mal-Artikolu 5(3a) sa (3e), il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jistgħu joħorġu opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4).*** |

Or. en

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe opinjoni maħruġa skont il-paragrafu 2a meta tabbozza l-opinjoni debitament motivata tagħha stess.*** |

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Meta joħorġu kummenti jew opinjoni skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri, ***u l-Kummissjoni***, skont il-każ, għandhom jikkunsidraw jekk tali kummenti jew opinjoni għandhomx ikunu informazzjoni klassifikata u liema livell ta' klassifikazzjoni għandu japplika għalihom, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali rispettiva dwar l-informazzjoni klassifikata. | 11. Meta joħorġu kummenti jew opinjoni skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri, ***il-Kummissjoni, u***, skont il-każ, ***il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku*** għandhom jikkunsidraw jekk tali kummenti jew opinjoni għandhomx ikunu informazzjoni klassifikata u liema livell ta' klassifikazzjoni għandu japplika għalihom, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali rispettiva dwar l-informazzjoni klassifikata. |

Or. en

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-Kummissjoni ***għandha tinforma*** lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) li ***hija tirriżerva d-dritt tagħha*** li ***tagħti*** opinjoni sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara li ***tirċievi*** n-notifika skont l-Artikolu 5. | (b) il-Kummissjoni***, jew, meta applikabbli, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, għandhom jinfurmaw*** lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) li ***huma jirriżervaw id-dritt tagħhom*** li ***jagħtu*** |

opinjoni sa mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju wara li ***jirċievu*** n-notifika skont l-Artikolu 5.

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) meta l-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jirriżervaw id-dritt tagħhom li jagħtu opinjoni dwar investiment barrani notifikat, l-opinjoni rispettiva għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompleta tal-investiment barrani;*** |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Il-Kummissjoni tista’ tiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja meta tqis li investiment barrani fit-territorju ta’ Stat Membru li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni jaqa’ taħt l-Artikolu 7(2). Qabel ma tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment ikun ippjanat jew tlesta ma jkollux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni. | 3. Il-Kummissjoni tista’ tiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja meta tqis li investiment barrani fit-territorju ta’ Stat Membru li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni jaqa’ taħt l-Artikolu 7(2). Qabel ma tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment ikun ippjanat jew tlesta ma jkollux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni. ***Meta investiment barrani kif definit fil-punt 5 tal-Anness II huwa kkonċernat, il-Kummissjoni tista’ tikkonsulta lill-Bank*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ċentrali Ewropew, lill-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew lill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.*** |

Or. en

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jittrattaw talbiet għal aċċess għal dokumenti pprovduti jew li jkunu rċevew b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu lura milli jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni li tista' timmina l-iskop tal-investigazzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament. | 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ***kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea responsabbli jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku*** għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jipprovdu jew jirċievu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Meta jittrattaw talbiet għal aċċess għal dokumenti pprovduti jew li jkunu rċevew b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom joqogħdu lura milli jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni li tista' timmina l-iskop tal-investigazzjonijiet imwettqa skont dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ikunx probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | 2. Il-Kummissjoni***, filwaqt li tqis l-opinjonijiet maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku skont l-Artikolu 7(2a),*** għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ikunx probabbli li |

jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jekk ikunx hemm il-probabilità li, l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, issegwi l-objettivi ta' politika ta' pajjiż terz, jew tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta' pajjiż terz. | (e) jekk ikunx hemm il-probabilità li, l-investitur barrani, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tal-investitur barrani, kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani, jew kwalunkwe parti oħra li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-investitur barrani, issegwi l-objettivi ta' politika ta' pajjiż terz ***ta' detriment għall-interess tal-Unjoni***, jew tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta' pajjiż terz. |

Or. en

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Evalwazzjoni*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-*** | |

***rapport.***

***2. Meta ir-rapport mill-Kummissjoni jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.***

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 18a*** |
| | ***Klawżola ta' Rieżami*** |
| | ***1. 24 xahar wara ... [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull 24 xahar wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I biex tqis l-adozzjoni u l-emenda tal-liġi tal-Unjoni relatata ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.*** |
| | ***2. Bħala parti minn dan ir-rieżami regolari, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina wkoll il-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II biex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:*** |
| | ***(a) ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;*** |
| | ***(b) ir-reżiljenza tal-infrastrutturi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;*** |
| | ***(c) l-avvanz ta' teknoloġiji ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tal-Unjoni;*** |
| | ***(d) l-emerġenza ta' vulnerabbiltajiet fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew għal forom oħra ta' pproċessar ta' tali informazzjoni, inkluża data personali sal-punt li x'aktarx dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni; u*** |
| | ***(e) l-emerġenza ta' sitwazzjoni ġeopolitika ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni.*** |
| | ***3. Meta r-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jikkonkludu li hija meħtieġa emenda tal-Anness I jew tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva f'dak ir-rigward.*** |

Or. en

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 19*** | ***imħassar*** |
| ***Atti delegati*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I sabiex titqies l-adozzjoni u l-emenda tad-dritt tal-Unjoni relatat ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.*** | |

***2.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:***

***(a)	ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(b)	ir-reżiljenza tal-infrastrutturi ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(c)	l-avvanz ta' teknoloġiji ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(d)	l-emerġenza ta' vulnerabbiltajiet fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew għal forom oħra ta' pproċessar ta' tali informazzjoni, inkluża data personali sal-punt li x'aktarx dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni; u***

***(e)	l-emerġenza ta' sitwazzjoni ġeopolitika ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emendi tal-Anness għandhom isiru mill-koleġiżlatur.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 20*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku].*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** | |
| ***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-*** | |

***Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emendi tal-Anness għandhom isiru mill-koleġiżlatur.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: kontropartijiet ċentrali[2]*,* sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament[3]*,* istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi[4]*,* operaturi tas-suq u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat[5]*,* depożitarji ċentrali ta' titoli[6]*,* emittenti sinifikanti ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' kripto-assi li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal kripto-assi[7]*,* istituzzjonijiet kbar[8]*,* fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ***u*** fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT[9]. | 5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: |
| | ***(a)*** kontropartijiet ċentrali ***jew CCPs kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;*** |
| | ***(b)*** sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament ***kif definiti fl-Artikolu 4, il-punti (7) u (4) rispettivament tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3]***;*** |
| | ***(c)*** istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi ***kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-*** |

***Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4];***

***(d)*** operaturi tas-suq ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]*** u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat***;***

***(e)*** depożitarji ċentrali ta' titoli ***kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];***

***(f)*** emittenti sinifikanti ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' kripto-assi li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal kripto-assi ***kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punti (10), (6), (7), (15) u (18) rispettivament tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7];***

***(g)*** istituzzjonijiet kbar ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (146), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8];***

***(h)*** fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati**,** fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT ***kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];***

***(i) sistemi ta' pagament sistemikament importanti skont deċiżjoni tal-BĊE bbażata fuq l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew[9a];***

***(j) impriżi tal-assigurazzjoni u impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fl-Artikolu 13, il-punti (1) u (4), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9b], b'introjtu mill-primjum gross miktub li jaqbeż EUR 25 000 000 000 bħala medja fit-tliet snin kalendarji qabel is-sena li fiha l-***

***investiment barrani ġie nnotifikat;***

---

[2] ***L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.***

[3] ***L-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

[4] ***L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj).

[5] ***L-Artikolu 4(1)(18) tad-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

[6] ***L-Artikolu 2(1)(1) tar-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru

[3] ***Id-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

[4] ***Id-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj).

[5] ***Id-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

[6] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014,

236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj).

[7] ***L-Artikoli 3(1)(6), 3(1)(7) u 3(1)(10), 3(1)(15) u l-Artikolu 3(1)(18) tar-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

[8] ***L-Artikolu 4(1)(146) tar-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

[9] ***L-Artikolu 3(23) tar-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj).

[7] ***Ir-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

[8] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

[9] ***Ir-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

***[9a] Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 795/2014 tat-3 ta' Lulju 2014 dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/795/oj).***

***[9b] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).***

Or. en